# L-ANGLU KUSTODJU JOSEF (2)



“Iva, imma l-kbira ghadu gej!” wiegeb Josef li segwa’ t-tifel mid-dar sal-knisja. L-angli studenti ghamlu bhalu.

It-tifel, il-genituri u l-klassi ta’ l-angli dahlu fil-knisja fejn kien hemm  bosta nies ohra flimkien ma’ l-angli kustodji taghhom. Bdew ifittxu fejn joqghodu.

“X’ridt tfisser meta ghidt li l-kbir ghadu gej?” staqsa anglu student iehor.

“Irrid infisser li jekk jiena irrid nghinu li jzomm dan il-jum qaddis, jehtiegli li nghinu jkun attent ghall-quddiesa,” qallu Josef bi twegiba.

Kien imiss issa lil Barakjiel li jindirizza l-migemgha ta’ l-angli: “ Klassi, is-sacerdot fil-knisja, illum ser jghid xi haga fl-omelija tieghu li jekk it-tfajjel joqghod attent zgur li tiswielhu ghall-futur tieghu.  L-anglu kustodju ghandu hafna xoghol x’jaghmel minn dan il-mument ‘l quddiem biex jiggwida t-tifel joqghod attent.”

Il-familja hadet postha u t-tifel kwazi mill-ewwel beda’ jonghos.

“Jidher ghadu ghajjien sew!” qal anglu student.

“Iva, baqa’ sat-tard bil-lejl jilghab il-video games,” qallu l-anglu kustodju Josef, “Loghba jew tnejn kienu jkunu bizzejjed, imma ma riedx jieqaf, minkejja li ghamilt hilti biex jieqaf u jistrieh,” kompla l-anglu filwaqt li beda’ jaghmel hiltu kollha biex iqajmu mill-gdid.

Il-Quddiesa bdiet u l-istudenti angli setghu jaraw hafna kori ta’ l-angli jippartecipaw flimkien mal-bnedmin, ghalkemm il-bnedmin ma setghux jarawhom. Kienet haga tqila biex l-istudenti angli jiffukaw fuq it-tifel billi xtaqu  jqimu lil Alla bhalma l-kori ta’ l-angli kienu qed jaghmlu.

Kien hawn li Barakiel intervenja. “ Oqghodu attenti hawn ghal mod kif l-anglu kustodju tieghu Josef ser jipprova jhalli lit-tifel imqajjem bla ma jonghos.”

Josef ghamel minn kollox biex ma jhallix lit-tifel jorqod. L-anglu kustodju pprova jgharrxu jew joqorsu, imma t-tifel kien ihokk kull meta Josef jipprova jqajmu.

It-tifel kien iqum u joqghod bil-qieghed matul il-quddiesa. Kull darba li kien jinzel fuq is-siggu kien jibda' jonghos . Il-prezenti kollha kienu attenti ghal dak li kien ser jghid is-sacerdot. Imma it-tifel ma setghax izomm ghajnejh miftuha.

"Ara x'qed jipprova jaghmillu Josef. Qed jiftahlu ghajnejh, imma ghalxejn," qal wiehed student.

L-anglu kustodju ta harsa lejn il-kongregazzjoni li l-angli kustodji taghhom kienu qed jaghmlu hilithom biex izzommu l-attenzjoni taghhom hajja. F'daqqa wahda Josef lemah xi haga li gibditlu l-attenzjoni. Kienet tfajjel ta' xi tlett snin jilghab fuq siggu xi ftit ringieli lura.

"Psst," qal lil anglu kustodju ta' dan it-tfajjel, " ghandi bzonn l-ghajnuna tieghek."

"X'ghandek bzonn?" staqsieh l-anglu ta' dak it-tifel, waqt li dan ipprova jwaqqaf lit-tfajjel milli jaqa' fl-art ghal wiccu.

"Irrid xi haga li taghmel il-hoss."

"Kollox sew," wiegbu l-agnlu kustodju tat-tifel iz-zghir.

"Ghalina mela."

It-tifel qabad ktieb ta' l-innijiet u tefghu ma' l-art bis-sahha, hekk li ghamel hoss li nstema' mal-knsja kollha. Kulhadd hares

lura, inkluz it-tifel li kien qed jonghos, u ha hasda. Qam biex jara x'gara.

Kien hawn li Josef ha c-cans li lit-tifel jghidlu biex jisma' dak li kien qed jitkellem fuqu l-qassis fl-0melija. Kien qed juri lin-nies ta' quddiemu xi tfisser tkun dixxiplu ta' Kristu.

Kompla jghidilhom il-qassis: " Id-dixxipli ta' Kristu ma kienu xi nies perfetti. Fil-lejl qabel ma' il-Mulej halla hajtu ma setghux jibqghu mqajma. Raqdu. Kellhom cans li juru li kienu tassew ta' Kristu, imma ma hargux ta' nies."

"Dawn il-kliem laqtu lit-tifel, ghorok tnejn ghajnejh u qam ikompli jisma' il-messagg tal-qassis. L-anglu kustodju tbissem. "Fl-ahhar irnexxili."

"U tafu li Kristu ghazel nies mhux perfetti biex iwasslu l-messagg tieghu u jkunu dixxipli tieghu. Dan jaghtina kuragg ghax Gesu' huwa l-Imghallem taghna u jrid jibqa' habib taghna minkejja li xi drabi nonqsuh."

It-tifel dahal fih innifsu. Is-sacerdot kompla," Gesu' qed isejhilkom. Isejhilkom biex bid-difetti kollha taghkom timxu warajh. Huwa ghandu xi haga sabieha merfugha ghalikom. Ghalhekk qumu minn nghas taghkom u imxu warajh."

L-anglu kustodju tat-tifel ha nifs qawwi 'l gewwa u bhal donnu strah ftit meta ra t-tifel hosbien, "Fl-ahhar minn mohhu ghaddejjin hsibijiet qaddisa."

“U kif inti cert li dak li sema’ ghamillu effett?” staqsewh l-angli studenti

“O ghalissa ghadni ma nafx. Jista’ jiehu ftit minuti, jew sighat jew granet jew anke snin biex messagg bhal dak jidhol ‘l gewwa,” wiegeb l-anglu kustodju. Imma jiena ghandi l-obbligu li minn zmien ghal iehor ingiblu dan il-messagg fil-menti tieghu.”

Imbaghad Barakiel qal lil angli studenti: “ Issa temmejna l-lezzjoni u ma ghandniex raguni biex immorru nigru ‘l barra mill-knisja. Ejjew noqghodu ftit hawn, ninghaqdu mal-korijiet ta’ l-angli waqt il-quddiesa u naghtu tifhir u glorja lil Alla.”

L-istudenti angli hekk ghamlu u kantaw u fahhru lil Alla flimkien mal-poplu fil-knisja. Kienet esperjenza sabieha ghalihom ilkoll.

Meta l-quddiesa spiccat, it-tifel hareg mal-genituri tieghu bil-galbu kollu u l-angli studenti semghuh jghid lil missieru u lil ommu, “Bix-xorti gejt u smajt din il-quddiesa.” Il-genituri tieghu harsu lejn xulxin u tbissmulhu.

Xi pjan kellu dan it-tifel biex qal lill-genituri tieghu dawk il-kelmiet? Imma l-angli student qatt ma setghu ikunu jafu dan il-pjan.

L-arkanglu Barakjeil ghamel sinjal lil angli studenti biex jmorru warajh  u wara li irringrazzja lil anglu kustodju tat-tifel, bhal ziffa rih tela’ flimkien ma’ l-istudenti tieghu ‘l fuq ‘l fuq lejn is-smewwiet.